MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru 101/2000

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**Versus**

**Jesmond Farrugia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jesmond Farrugia ta’ 28 sena iben Carmelo u Theresa nee Pullicino, imwieled il-Pieta’ fis-17 ta’ Settembru, 1971 u joqgħod ‘Tar-Riħ Farmhouse, Triq il-Madonna, Dingli u li qabel kien joqgħod 68 Strait Street Valletta u li għandu l-karta tal-Identita’ bin-numru 507171 (M)

(a) Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer bejn il-15 ta’ Novembru 1997 u l-4 ta’ Jannar 1998 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet

ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 5071 tal-1971, il-fedina penali tiegħu, l-ordni

tal-Avukat Ġenerali tas-27 t'April, 1998, l-istqarrija tal-imputat a fol.6, il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Silvio Meli u ntitolat 'Sejba ta' Droga fuq Salvu Gauci ħdejn Kastilja l-Belt fl-4 ta' Jannar 1998, Proċes Verbal intitolat 'Tliet vetturi maqbuda mill-Pulizija in konnessjoni ma' stħarriġ dwar droga u li jinsabu barra l-kwartieri tad-Drug Squad fil-Marsa fis-6 ta' Ġunju 1998', u redatt mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera, id-dettalji personali dwar l-imputat ippreżentati mill-Prosekuzzjoni a fol.229, il-fedina penali tal-imputat up dated sal-14 ta' Novembru 2006 u dik ta' Helen Azzopardi mart Alfred Bugeja (fol.302 sa 304) id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża (a fol.309) li jaqblu li fix-xhieda ta' Helen Bugeja hemm indikazzjoni li Helen Bugeja qatt ma xtrat drog mal-imputat (Ara wkoll fol.307 u r-referenza speċifika għall-fol.269 u 270).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Il-fatti, skond il-Prosekuzzjoni, huma dawn. Fl-1 ta' Marzu 1998, kienu għamlu tfittxija fil-fond fejn joqgħod l-imputat u hemm instab telecell. Fl-4 ta' Ġunju 1998 saret tfittxija f'karozza li kien biha Vince Attard u minn fuq il-persuna tiegħu, il-Pulizija elevat mobile telephone.

7. Fil-kontro-eżami, il-Prosekutur ikkonferma li kienu saru rikorsi sabiex il-vetturi li kienu nqabdu mill-Pulizija jkunu rilaxxjati. Il-Prosekutur kien ivverifika wkoll li l-imputat kellu bar iżda ma kien għamel ebda verifika dwar it-telecell. (Fol.15)

**L-Istqarrija tal-Imputat.**

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li huwa kien isellef il-flus (ara fol.7) u li t-telecell kien ilu għandu xi ħames snin. Huwa ċaħad li kellu l-vizzju tad-droga. Anzi qal li l-eroina ma kienx jaf x'inhi. Huwa stqarr ukoll li lil Vincent

Attaard (iċ-Ċappa) kien ilu jafu madwar sitt snin iżda kien ilu jagħmilha miegħu għall-aħaħr sena. Kien jaf ukoll li Attard kien jagħmel użu minn Peugeot 306 ta' kulur maroon. Huwa ċaħad li Vince Attard kien jagħmel użu mill-karozza Golf, cioe' l-istes karozza li kien jagħmel użu minnha l-imputat. Huwa ċaħad li qatt biegħ droga lil xi ħadd.

9. Mill-proċes verbal a fol.34 jirriżulta li Helen Bugeja kienet għamlet stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat Dr.Silvio Meli, fejn, fost dettalji oħra, qalet:

***'Erġajt bdejt nieħu qisu minn nofs Novembru li għadda. Ngħid li dak iż-żmien erġajt bdejt nieħu l-eroina wara li kienu avviċinawni Vince Attard magħruf bħala 'Iċ-Ċappa' u dak li jkun miegħu li jismu Jesmond. Dawn qaluli li kienu ser iġibu fit xogħol u jien għidtlilhom li jekk jirranġaw iċempluli. L-għada jien kont iltqajt magħhom ħdejn il-ħanut ta' Philip f'Putirjal. Dawn qaluli li kienu ġiebu l-Ismack u jien għidtlilhom sabiex iġubuli tliet grammi. Għal dawn it-tliet grammi jien kont ħallast Lm160 għalkemm kienu talbuni Lm180. Nħgid li dak in-nhar id-droga ġabuhieli ħdejn id-dar fejn noqgħod. Ngħid li meta dawn waslu ħdejn id-dar, ċempluli u jien tlajt. Dak in-nhar kien b'karozza bajda u kien qed isuq Jesmond. Madwar ġimgħa wara jien erġajt ċempiltilhom u tlabthom iġibuli ħames grammi. Ġabuhomli dak in-nhar stes xi kwarta wara li ċempiltilhom, u kienu ġew flimkien, bl-istess karozza. Ngħid li għal ħames grammi jien kont ħallast Lm250. Wara li spiċċaw dawn il-ħames grammi jien kont nixtri minn għandu gramma kull darba. Ngħid li gramma kienet isservini madwar tlitt ijiem. Ngħid li n-numru tat-telecell ta' Jesmond huwa 09496289 filwaqt li n-numru taċ-Ċappa (Vince Attard) hu 09741867. Ngħid li dawn it-tnejn qatt ma daħlu għandi. Ngħid li l-aħaħr darba li xtrajt l-eroina kien xi jumejn qabel ġejt arrestata.***

***Omissis***

***Ngħid li għalkemm il-biċċa l-kbira dawn kienu jiġu flimkien, dawn ġielei ġew waħidhom, u anke ġieli ġie ċ-Ċappa waħdu bil-karozza ta' Jesmond. (fol.65)***

10. Barra dan il-bran mill-istqarrija li Helen Bugeja kkonfermat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, a fol.62 insibu,

**'Jien minn għand dawn biss kont nixtri u qatt ma xtrajt minn għand ħaddieħor.'**

11. Fl-istess Proces Verbal hemm stqarrija oħra ġuramentata ta' ċertu Salvu Gauci li kien stqarr ukoll :

***'Li naf hu li Helen kienet tixtri d-droga minn għand wieħed jgħidlulu ċ-Ċappa. Jien kien urieni ritratt l-Ispettur Ciappara u għaraftu mal-ewwel. (fol.51)***

***omissis***

***Helen u ċ-Ċappa kienu jiltaqgħu billi ċċempel liċ-Ċappa u tgħidlu biex pereżempju għoxrin minuta oħra jiġi ħdejn il-flat tagħha. Idoqqilha tleit darbiet. Titla' u tagħtih il-flus. Hu jagħtija d-droga. Jiena kont anra lil Hlen tieġu l-flus mill-portmoni taħgha. Titla' bil-flus u ġieli rajtha tgħodd il-flus ukoll qabel ma tixtir d-droga minn għandu…. Nippreċiża lid an meta jiġi jdoqq il-horn tliet darbiet u mhux idoqq il-bieb tliet darbiet. Titla' hi tiġri, taħghtih il-flus. Lanqas idumu żewġ minuti.'*** **(fol.53).**

12. Mill-Proċes Verbal a fol.169 – Inkjesta dwar tliet vetturi – jirriżulta li l-Volkswagen WGD -019, Mazda JES-169 u Peugeot LAU-297. Il-Mazda kienet reġistrata fuq isem l-imputat Jesmond Farrugia (fol.183). Il-Peugeot 306 tappartjeni wkoll lil Jesmond Farrugia iżda kien sar qbil ma' ċerta Carmelo Magri kienet reġistrata u inxurjata fuq Carmelo Magri. Il-Volkswagen kienet reġistrata fuq isem Ronnie Micallef. Il-vetturi nstabu fil-kundizzjoni oriġinali taħghom mingħajr ebda tbagħbis fihom. (Fol.185).

13. L-Ispettur Neville Aquilina kien xehed li l-Pulizija kienet waqqfet lil Vincent Attard u lil Jesmond Farrugia fl-4 ta' Ġunju 1998, kienet għamlet tfittxija intensiva fil-karozza u fuq il-persuna tagħhom u nstabet l-ebda droga. Kineu ttieħdu dak il-ħin xi Lm440 kif ukoll xi gold items, necklace, ċrieket u affarijiet tad-deheb. Tfittxija fid-dar tagħhom ma tat ebda riżultat. (Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Sandro Gatt a fol.158 fejn ta verżjoni prattikament identika).

14. Fis-17 t'April 2002 s-sur Joseph Zammit kien ikkonferma r-relazzjoni tiegħu li huwa għamel wara li kien maħtur mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera u fl-10 ta' Ġunju 2002, reġa' xehed Joseph Zammit, ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u l-Prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li fir-rapport kien hemm xi ineżatezzi dwar il-laqmijiet li jidhru fir-relazzjoni.. Il-Prosekuzzjoni għarrfet lill-Qorti li Jesmond Farrugia **mhux** iċ-ċappa. (Fol.201).

**Ix-xhud Helen Bugeja**

15. Xehdet Helen Bugeja minn fol.230 sa 273 fid-9 ta' Lulju 2004. (Din damet ma ttellgħet tixhed għal ħafna żmien għar-raġunijiet esposti bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni a fol.222 et seq. Mill-proċess jirriżulta li kienu saru tentattivi biex tinstab sa ta' lanqas is-17 t'April, 2002).

16. Helen Bugeja xehdet li meta marru għandha l-Pulizija kienu sabu xi siringi, xi mgħarfa mċappsa u xi pilloli valium. Hija qalet li kienet tixtri d-droga minn għand Vince Attard (fol.235) liema persuan hija indikat fl-Awla. (fol.235). Hija kienet għamlet l-istqarrija tagħha quddiem il-Maġistrat ukoll. Hija kienet semmiet lil Jesmond (Farrugia) l-imputat (Fol 238). Lill-imputat kienet indikatu għax kien ikun flimkien ma' Vince Attard. (Fol.239). Huma kienu marru ħdejn id-dar tagħha xi tliet darbiet. (Fol.240). Id-droga eroina kien inewwilhielha Vince Attard (fol 241) għax ma' Jesmond Farrugia ma kellhiex kunfidenza. (Fol.241) (ara fol.260 ukoll fejn tirrepeti l-istess frażi). Dan ilu xi ħames jew sitt snin. Hija kienet iċċempel lil Vince Attard biex joħdilha l-eroina. Daqqa kienet tixtri gramma u

daqqa kienet tixtri akta u kienet tħallas madwar Lm50. Kien għajtilha Vince Attard (fol.246) u qalilha li kien ser ikollhom xi ftit xogħol. Hi kienet kellmet lil Vince Attard. L-għada stess kien ġabilha gramma eroina (fol.240). Kienu marru għandha kemm l-imputat kif ukoll Vince Attard u kien Vince Attarde lit a l-eroina. (fol.249). Kien hemm ukoll it-tieni okkażjoni fejn ċemplet lil Vince Attard (fol.251) u hu kien ġabilha d-droga (fol.252). Il-flus kienet tathom lil Vince Attard.

17. Aktar tard kien hemm okkażjoni oħra meta xtrat tliet grammi (fol.254) minn għand Vince Attard u ta’ dawn kienet ħallset Lm150.

18. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni qratilha l-istqarrija li kienet għamlet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u ċċarat li kient xtrat id-droga minn għand Vince Attard (fol.258) u kkonfermat dan a fol.262 wara li saret mistoqsija mill-Qorti.

19. Fil-kontro-eżami hija kkonfermat li għalkemm fl-istqarrija tagħha kienet użat il-plural effettivament hija kienet tirreferi għal Vince Attard biss. (fol.269) ukoll jekk iffirmat fuq ir-ritratt tal-imputat li dan kien ikun ma’ Vince Attard. (Il-Prosekuzzjoni kienet ippreżentat id-dettalji personali tal-imputat (fol.229) u x-xhud kienet għamlet dikjarazzjoni li dan kien l-istess persuna li kien ikun ma’ Vincent Attard u li hi kient xtrat id-droga minn għandu. (Ara fol.227).

20. Fis-6 ta’ Ġunju 2006 is-Supretendent Nicholas Ciappara kien kontro-eżaminat mid-difiża u huwa kkonferma li l-imputat MHUX Jesmond Cassar magħruf bħala it-Titu. (fol.295).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Il-Prosekuzzjoni bbażat il-każ tagħha fuq ix-xhieda ġuramentata li tat Helen Bugeja. Il-qofol tal-każ jinsab f’żewġ punti:

(a) Helen Bugeja tkellmet fil-plural fix-xhieda ġuramentata iżda imbagħad minn fuq il-pedana tax-xhieda konsistentement stqarret li hi kienet tieħu d-droga minn għand Vince Attard u kienet tagħti l-flus lil Vincent Attard. Qalet ukoll li ma kellhiex konfidenza ma' Jesmond Farrugia.

(b) Il-fatt li Jesmond Farrugia kien jakkompanja lil Vince Attard, jista' dan jammonta għar-reat ta' kompliċita' fl-imputazzjonijiet dedotti kontih, reat li huwa kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni?

22. Dwar l-ewwel punt, jirriżulta mill-istqarrija kif ukoll mis-sentenza li qalet lill-Maġistrat Inkwirenti li din ix-xhud kienet b'xi mod qed tassoċja lill-imputat ma' Vince Attard. Dan ma jħalli ebda dubju dwar il-preżenza tal-imputat – għall-anqas fi tliet darbiet – meta Vince Attard allegatament mar jagħti d-droga lil din ix-xhud. Il-Qorti ssibha xi ftit stramba kif din ix-xhud qalbet għas-singular meta fl-istqarrija ġuramentata saħansitra tat in-numru tat-telecell tal-imputat. Jekk ma kellhiex konfidenza miegħu kif kellha dan in-numru utatu fl-istqarrija lill-Pulizija (li kienet ġuramentata) b'daqshekk ħeffa? U għaliex baqgħet titkellem fil-plural ukoll meta lill-Maġistrat Inkwirenti ma baqgħetx tkellmu fuq l-istqarrija nnifisha iżda kienet qed iżżid xi ħaġa oħra? U għaliex meta rawha ħdejn Putirjal hi qalet li 'avviċinawni; għalkemm hawnhekk tat prima frontiera lil 'Vince Attard'?

23. Madankollu għalkemm jibqgħu s-suspetti dwar l-involviment dirett tal-imputat il-Qorti baqagħlha dak il-lurking doubt dwar jekk il-provi jwassluk univokament għall-ħtija tal-imputat. Dan jikber meta wieħed iqis dak li stqarr ċertu Salvu Gauci bil-ġurament – **li ma kienx prodott f'dawn il-proċeduri**- [1]li jsemmi persuna oħra iżda mhux lill-imputat għalkemm dan Salvu Gauci ma kienx ikun fiżikament preżenti ħdejn Helen Bugeja waqt li din kienet qed tixtri d-droga.

---

[1] Ara paragrafu 11 aktar 'il fuq.

24. Dwar it-tieni punt – jiġifieri jekk l-imputat jistax jitqies li huwa kompliċi fir-reat ta' traffikar – hemm id-diffikulta' tal-prova tal-'common design'.  Tassew li l-imputat kien preżenti fit-tliet darbiet imsemmija minn Helen Bugeja ( u l-imputat ġieli ħalla lill-persuna l-oħra tuża l-karozza tiegħu)iżda jinħtieġ prova aktar qawwija lit kun turi li l-imputat kellu l-istess għan tal-allegat spaċċatur – jiġifieri li jbiegħ id-droga jew li jgħin b'xi mezz li jintrabat 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-mezz kien qed jintuża għal dan l-iskop biss. Is-suspett, qawwi kemm hu qawwi, mhux biżżejjed.

25. Fin-nuqqas ta' sejbien ta' droga għand l-imputat, il-Qorti qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

26. Fin-nuqqas ta' provi ċari, qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

27.  Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 6 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2) (b)(i)(ii), u 22(1B) tal-Kap 101 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoniet dedotti kontrih.

28. M'hemmx raġuni biex il-Qorti tapplika l-artikoli 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------